Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 184

Volum 58

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

11 ta' Lulju 2015

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1122 tat-8 ta' Lulju 2015 li jistabbilixxi projbizzjoni tas-sajd għaċ-ċiċċirell fl-ilmijiet tal-Unjoni fiż-żona ta' ġestjoni 1 taċ-ċiċċirell minn bastimenti li jtajru l-bandiera tad-Danimarka** 1

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1123 tat-8 ta' Lulju 2015 li jistabbilixxi projbizzjoni tas-sajd għaċ-ċiċċirell fl-ilmijiet tal-Unjoni fiż-żona ta' ġestjoni 6 taċ-ċiċċirell minn bastimenti li jtajru l-bandiera tad-Danimarka** 3

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1124 tat-8 ta' Lulju 2015 li jistabbilixxi projbizzjoni tas-sajd għaċ-ċiċċirell fl-ilmijiet tal-Unjoni fiż-żona ta' ġestjoni 2 taċ-ċiċċirell minn bastimenti li jtajru l-bandiera tad-Danimarka** 5

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1125 tal-10 ta' Lulju 2015 li jemenda ir-Regolament (KE) Nru 1881/2006 dwar il-livelli massimi għall-idrokarburi aromatiċi poliċikliċi fl-oġġetti tal-ikel fil-Katsuobushi (bonito mnixxef) u ċerti aringi tal-Atlantiku affumikati** [1] 7

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1126 tal-10 ta' Lulju 2015 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex 11

DIRETTIVI

★ **Direttiva tal-Kummissjoni (UE) 2015/1127 tal-10 ta' Lulju 2015 li temenda l-Anness II tad-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-iskart u li tħassar ċertu Direttivi** [1] 13

[1] Test b'rilevanza għaż-ŻEE

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.
It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

DEĊIŻJONIJIET

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2015/1128 tas-7 ta' Lulju 2015 dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntieri għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah (EU BAM Rafah) (EU BAM Rafah/1/2015)** 16

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2015/1129 tas-7 ta' Lulju 2015 li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea fit-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS) (EUPOL COPPS/2/2015)** 17

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/1130 tal-10 ta' Lulju 2015 li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran** 18

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1131 tal-10 ta' Lulju 2015 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/505/UE li tawtorizza l-miżura provviżorja meħuda mir-Repubblika Franċiża skont l-Artikolu 129 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH) li jirrestriġi l-użu tal-imluħa tal-ammonju f'materjali ta' insulazzjoni magħmula minn materjal artab ta' ċelluloża** *(notifikata bid-dokument C(2015) 4470)* [1] 20

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1132 tal-10 ta' Lulju 2015 dwar l-approvazzjoni tal-funzjoni tal-coasting tal-Porsche AG bħala teknoloġija innovattiva għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO_2 mill-karozzi tal-passiġġieri skont ir-Regolament (KE) Nru 443/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** [1] 22

Rettifika

★ **Rettifika tad-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE tad-29 ta' April 1996 dwar miżuri għall-monitoraġġ ta' ċerti sustanzi u residwi tagħhom f'annimali ħajjin u prodotti tal-annimali u li tħassar id-Direttivi 85/358/KEE u 86/469/KEE u d-Deċiżjonijiet 89/187/KEE u 91/664/KEE** (ĠU L 125, 23.5.1996) 31

[1] Test b'rilevanza għaż-ŻEE

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1122

tat-8 ta' Lulju 2015

li jistabbilixxi projbizzjoni tas-sajd għaċ-ċiċċirell fl-ilmijiet tal-Unjoni fiż-żona ta' ġestjoni 1 taċ-ċiċċirell minn bastimenti li jtajru l-bandiera tad-Danimarka

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/104 [2], jistabbilixxi l-kwoti għall-2015.

(2) Mill-informazzjoni li waslet għand il-Kummissjoni, jirriżulta li l-qabdiet li saru mill-istokk imsemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irreġistrati fih, eżawrew il-kwota allokata għall-2015.

(3) Għalhekk, jenħtieġ li l-attivitajiet tas-sajd għal dak l-istokk jiġu pprojbiti,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Eżawriment tal-kwota

Il-kwota tas-sajd allokata lill-Istat Membru msemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament għall-istokk imsemmi hemmhekk għall-2015 għandha titqies bħala eżawrita mid-data stipulata f'dak l-Anness.

Artikolu 2

Projbizzjonijiet

L-attivitajiet tas-sajd għall-istokk imsemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irreġistrati fih, għandhom jiġu pprojbiti mid-data stipulata f'dak l-Anness. B'mod partikolari, għandu jkun ipprojbit li jinżamm abbord, jiġi trażbordat, jiġi trasportat jew jinħatt l-art, ħut minn dak l-istokk li jaqbad minn dawk il-bastimenti wara dik id-data.

[1] ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.

[2] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/104 tad-19 ta' Jannar 2015 li jiffissa għall-2015 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 43/2014 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 779/2014 (ĠU L 22, 28.1.2015, p. 1).

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Lulju 2015.

Għall-Kummissjoni,
F'isem il-President,
Lowri EVANS
Direttur Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd

ANNESS

Nru	05/TQ104
Stat Membru	Id-Danimarka
Stokk	SAN/234_1
Speċi	Ċiċċirell (*Ammodytes* spp.)
Żona	Żona ta' ġestjoni 1 taċ-ċiċċirell fl-ilmijiet tal-Unjoni
Data tal-għeluq	21.5.2015

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1123

tat-8 ta' Lulju 2015

li jistabbilixxi projbizzjoni tas-sajd għaċ-ċiċċirell fl-ilmijiet tal-Unjoni fiż-żona ta' ġestjoni 6 taċ-ċiċċirell minn bastimenti li jtajru l-bandiera tad-Danimarka

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/104 ([2]), jistabbilixxi l-kwoti għall-2015.

(2) Mill-informazzjoni li waslet għand il-Kummissjoni, jirriżulta li l-qabdiet tal-istokk imsemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament, li saru minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi fl-istess Anness, eżawrew il-kwota allokata għall-2015.

(3) Għalhekk, jeħtieġ li l-attivitajiet tas-sajd għal dak l-istokk jiġu pprojbiti,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Eżawriment tal-kwota

Il-kwota tas-sajd allokata lill-Istat Membru msemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament għall-istokk imsemmi hemmhekk għall-2015 għandha titqies bħala eżawrita mid-data stipulata f'dak l-Anness.

Artikolu 2

Projbizzjonijiet

L-attivitajiet tas-sajd għall-istokk imsemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irreġistrati fih, għandhom jiġu pprojbiti mid-data stipulata f'dak l-Anness. B'mod partikolari, għandu jkun ipprojbit li jinżamm abbord, jiġi trażbordat, jiġi trasportat jew jinħatt l-art, ħut minn dak l-istokk li jaqbad minn dawk il-bastimenti wara dik id-data.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Lulju 2015.

Għall-Kummissjoni,

F'isem il-President,

Lowri EVANS

Direttur Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd

([1]) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/104 tad-19 ta' Jannar 2015 li jiffissa għall-2015 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 43/2014 u jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 779/2014 (ĠU L 22, 28.1.2015, p. 1).

ANNESS

Nru	06/TQ104
Stat Membru	Id-Danimarka
Stokk	SAN/234_6
Speċi	Ċiċċirell (*Ammodytes* spp.)
Żona	Ilmijiet tal-Unjoni fiż-żona ta' ġestjoni 6 għaċ-ċiċċirell
Data tal-għeluq	6.6.2015

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1124

tat-8 ta' Lulju 2015

li jistabbilixxi projbizzjoni tas-sajd għaċ-ċiċċirell fl-ilmijiet tal-Unjoni fiż-żona ta' ġestjoni 2 taċ-ċiċċirell minn bastimenti li jtajru l-bandiera tad-Danimarka

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/104 ([2]) jistabbilixxi l-kwoti għall-2015.

(2) Mill-informazzjoni li waslet għand il-Kummissjoni, jirriżulta li l-qabdiet li saru mill-istokk imsemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irreġistrati fih, eżawrew il-kwota allokata għall-2015.

(3) Għalhekk, jeħtieġ li l-attivitajiet tas-sajd għal dak l-istokk jiġu pprojbiti,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Eżawriment tal-kwota

Il-kwota tas-sajd allokata lill-Istat Membru msemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament għall-istokk imsemmi hemmhekk għall-2015 għandha titqies bħala eżawrita mid-data stipulata f'dak l-Anness.

Artikolu 2

Projbizzjonijiet

L-attivitajiet tas-sajd għall-istokk imsemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irreġistrati fih, għandhom jiġu pprojbiti mid-data stipulata f'dak l-Anness. B'mod partikolari, għandu jkun ipprojbit li jinżamm abbord, jiġi trażbordat, jiġi trasportat jew jinħatt l-art, ħut minn dak l-istokk li jaqbad minn dawk il-bastimenti wara dik id-data.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Lulju 2015.

Għall-Kummissjoni,

F'isem il-President,

Lowri EVANS

Direttur Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd

([1]) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/104 tad-19 ta' Jannar 2015 li jiffissa għall-2015 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 43/2014 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 779/2014 (ĠU L 22, 28.1.2015, p. 1).

ANNESS

Nru	07/TQ104
Stat Membru	Id-Danimarka
Stokk	SAN/234_2
Speċi	Ċiċċirell (*Ammodytes* spp.)
Żona	Żona 2 ta' ġestjoni taċ-ċiċċirell fl-ilmijiet tal-Unjoni
Data tal-għeluq	12.6.2015

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1125

tal-10 ta' Lulju 2015

li jemenda ir-Regolament (KE) Nru 1881/2006 dwar il-livelli massimi għall-idrokarburi aromatiċi poliċikliċi fl-oġġetti tal-ikel fil-Katsuobushi (bonito mnixxef) u ċerti aringi tal-Atlantiku affumikati

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 315/93 tat-8 ta' Frar 1993 li jistabbilixxi proċeduri tal-Komunità għall-kontaminanti fl-ikel ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 2(3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru1881/2006 ([2]) jistabbilixxi l-livelli massimi għall-idrokarburi aromatiċi poliċikliċi (PAH) fl-ikel.

(2) Skont dak ir-Regolament, il-livelli massimi ta' PAHs iridu jkunu mingħajr periklu, u baxxi kemm jista' jkun (l-ALARA) imsejsa fuq prattiki tajba tal-fabbrikazzjoni tat-tnixxif u tal-biedja/is-sajd. Fl-2011, id-dejta għall-ħut affumikat wera li livelli massimi aktar baxxi ta' PAHs kienu jistgħu jintlaħqu u dawn ġew stabbiliti permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 835/2011 ([3]). Madankollu, f'xi każijiet, kien hemm il-bżonn ta' adattament tat-teknoloġija tal-affumikar. Għalhekk perjodu tranżitorju ta' tliet snin ġie mogħti qabel ma jibdew japplikaw il-livelli massimi aktar baxxi mill-1 ta' Settembru 2014.

(3) Il-*Katsuobushi* huwa ikel tradizzjonali Ġappuniż prodott magħmul mill-bonito. Il-proċess ta' manifattura tiegħu jinvolvi t-tqattigħ felli felli, it-tgħollija u d-dissussar segwit minn iffumikar/proċess ta' tnixxif matul il-kombustjoni tal-injam. Evidenza reċenti ġiet provduta mill-awtoritajiet Ġappuniżi li turi li, minkejja l-applikazzjoni ta' prattiki ta' affumikar tajba sa fejn ikun possibbli, il-livelli aktar baxxi ta' PAHs ma jistgħux jintlaħqu għal dak il-prodott. Għalhekk huwa xieraq li jinbidlu l-livelli massimi preżenti ta' PAHs fil-*Katsuobushi* f'dawk applikabbli qabel l-1 ta' Settembru 2014.

(4) L-isem tal-prodott "*Sprotid*" huwa isem tradizzjonali fl-Estonja għal prodott li tradizzjonalment jista' jinkludi kemm il-laċċa kaħla (*Sprattus sprattus*) u l-aringi tal-Baltiku (*Clupea harengus membras*) skont l-istaġun u d-disponibbiltà. Iż-żewġ ħutiet huma ta' daqs komparabbli u huma kklassifikati bħala ħut fuq skala żgħira. It-tikketta ta' "*Sprotid*" ssemmi jekk il-prodott ikun fih laċċa kaħla jew aringi tal-Baltiku jew taħlita, bi proporzjoni ta' kull speċi ta' ħut preżenti. Għal dan l-proċess tal-affumikar aringi żgħar tal-Baltiku huma l-istess bħal dak applikat għal aringi żgħar u konsegwentement livelli ta' PAHs fl-aringi żgħar tal-Baltiku huma simili għal dawk misjuba f'laċċa kaħla affumikata. Għalhekk huwa xieraq li jiġi stabbilit l-istess livell massimu għal aringa Baltika affumikata żgħira u aringi żgħar iffumigati fil-bott kemm għal-laċċa kaħla iffumikata kif ukoll għal laċċa kaħla iffumikata fil-bott.

(5) Il-leġiżlazzjoni relatata mal-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura ġiet sostitwita u jwasslu għall-ħtieġa ta' bidliet għal ċerti noti tal-aħħar. Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1881/2006 għandu jiġi emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

([1]) ĠU L 37, 13.2.1993, p. 1.
([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1881/2006 tal-Kummissjoni tad-19 ta' Diċembru 2006 jiffissal-livelli massimi ta' ċerti kontaminanti fl-oġġetti tal-ikel (ĠU L 364, 20.12.2006, p. 5).
([3]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 835/2011 tad-19 ta' Awwissu 2011 li jemenda ir-Regolament (KE) Nru 1881/2006 dwar il-livelli massimi għall-idrokarburi aromatiċi poliċikliċi fl-oġġetti tal-ikel (ĠU L 215, 20.8.2011, p. 4).

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 ġurnata wara dik tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Lulju 2015.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNESS

L-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1881/2006 huwa emendat kif ġej:

(1) Taqsima 6: *Idrokarburi aromatiċi poliċikliċi* mibdula b'dan li ġej:

"Taqsima 6: Idrokarburi aromatiċi poliċikliċi

Oġġetti tal-ikel		Livelli massimi (µg/kg)	
6.1	Benzo(a)piren, benz(a)antraċen, benzo(b)fluworanten u krisen	(Benzo(a)piren)	Is-somma ta' benzo(a)piren, benz(a)antraċen, benzo(b)fluworanten u krisen ([45])
6.1.1	Żjut u xaħmijiet (għajr butir tal-kakaw, u żejt tal-ġewż tal-Indi) maħsubin għal-konsum dirett mill-bniedem jew għall-użu bħala ingredjent fl-ikel	2,0	10,0
6.1.2	Żerriegħa tal-kawkaw u prodotti derivati	5,0 µg/kg xaħam mill-1.4.2013	35,0 µg/kg xaħam mill-1.4.2013 sal- 31.3.2015 30,0 µg/kg xaħam mill-1.4.2015
6.1.3	Żejt tal-ġewż tal-indi maħsub għall-konsum dirett mill-bniedem jew għall-użu bħala ingredjent fl-ikel	2,0	20,0
6.1.4	Laħam iffumigat u prodotti tal-laħam iffumigati	5,0 sal-31.8.2014 2,0 mill-1.9.2014	30,0 mill-1.9.2012 sal-31.8.2014 12,0 mill-1.9.2014
6.1.5	Laħam tal-muskoli ta' ħut iffumigat u prodotti mis-sajd iffumigati ([25]) ([36]), barra l-prodotti mis-sajd imsemmija fil-punti 6.1.6 u 6.1.7. Il-livell massimu għall-krustaċji ffumigati japplika għal-laħam tal-muskoli mill-appendiċi u ż-żaqq ([44]). Fil-każ ta' granċijiet u krustaċji simili għall-granċijiet (*Brachyura* u *Anomura*) dan japplika għal-laħam tal-muskoli mill-appendiċi.	5,0 sal-31.8.2014 2,0 mill-1.9.2014	30,0 mill-1.9.2012 sal-31.8.2014 12,0 mill-1.9.2014
6.1.6	Laċċa kaħla iffumigata u laċċa kaħla iffumigata fil-bott ([25]) ([47]) (*Sprattus sprattus*); Aringa tal-Baltiku affumikata ≤ 14 ċm tul u aringa tal-Baltiku affumikata fil-bott ≤ 14 ċm tul ([25]) ([47]) (*Clupea harengus membras*); Katsuobushi (dried bonito, *Katsuwonus pelamis*); molluski bivalvi (friski, imkessħin jew iffriżati) ([26]); laħam ittrattat bis-sħana u prodotti tal-laħam ittrattati bis-sħana ([46]) mibjugħin lill-konsumatur finali	5,0	30,0
6.1.7	Molluski bivalvi ([36]) (iffumigati)	6,0	35,0
6.1.8	Ikel ipproċessat b'bażi ta' ċereali u ikel tat-trabi għat-trabi u għat-tfal iż-żgħar ([3]) ([29])	1,0	1,0
6.1.9	Formula għat-trabi u formula għal dawk it-trabi li qabżu s-sitt xhur, inklużi l-ħalib tat-trabi u l-ħalib tat-trabi ta' iktar minn sitt xhur ([8]) ([29])	1,0	1,0
6.1.10	Ikel tad-dieta għal raġunijiet mediċi speċjali ([9]) ([29]) maħsub speċifikament għat-trabi	1,0	1,0"

(2) In-nota tat-tmiem ([26]) għandha tiġi sostitwita bin-nota tat-tmiem li ġejja:

"([26]) L-oġġetti tal-ikel li jaqgħu fil-kategoriji (c) u (i) tal-lista fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1379/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1184/2006 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000 (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 1), kif inhu xieraq (speċi kif elenkati fl-entrata rilevanti). Fil-każ ta oġġetti tal-ikel li huma mnixxfin, dilwiti, pproċessati u/jew komposti japplika l-Artikolu 2(1) u 2(2). Fil-każ tal-Pecten maximus, il-livell massimu japplika biss għall-muskolu adduttur u għall-gonadi."

(3) In-nota tat-tmiem ([36]) għandha tiġi sostitwita bin-nota tat-tmiem li ġejja:

"([36]) Oġġetti tal-ikel elenkati f'din il-kategorija kif definiti fil-kategorija (b), (c) u (i) tal-lista fl-Anness 1 tar-Regolament (KE) Nru 1379/2013."

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1126

tal-10 ta' Lulju 2015

li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ([2]) u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissal-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.

(2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Lulju 2015.

Għall-Kummissjoni,

F'isem il-President,

Jerzy PLEWA

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.
([2]) ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

ANNESS

Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

(EUR/100 kg)

Kodiċi tan-NM	Kodiċi tal-pajjiż terz (1)	Valur standard tal-importazzjoni
0702 00 00	MA	181,3
	MK	43,8
	ZZ	112,6
0707 00 05	TR	116,3
	ZZ	116,3
0709 93 10	TR	119,7
	ZZ	119,7
0805 50 10	AR	98,0
	TR	108,0
	UY	76,8
	ZA	135,1
	ZZ	104,5
0808 10 80	AR	98,9
	BR	106,0
	CL	131,8
	NZ	147,1
	US	173,4
	ZA	122,1
	ZZ	129,9
0808 30 90	AR	114,9
	CL	127,1
	CN	86,2
	NZ	235,9
	ZA	124,0
	ZZ	137,6
0809 10 00	TR	239,3
	ZZ	239,3
0809 29 00	TR	239,3
	ZZ	239,3
0809 30 10, 0809 30 90	CL	181,4
	ZZ	181,4
0809 40 05	BA	95,4
	CL	126,8
	ZZ	111,1

(1) In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1106/2012 tas-27 ta' Novembru 2012 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 471/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistika Komunitarja relatata mal-kummerċ estern ma' pajjiżi li mhumiex membri, fir-rigward tal-aġġornament tan-nomenklatura tal-pajjiżi u t-territorji (ĠU L 328, 28.11.2012, p. 7). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

DIRETTIVI

DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1127

tal-10 ta' Lulju 2015

li temenda l-Anness II tad-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-iskart u li tħassar ċertu Direttivi

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi ([1]) u b'mod partikolari l-Artikolu 38(1) tagħha,

Billi:

(1) L-Anness II tad-Direttiva 2008/98/KE jistabbilixxi lista mhux eżawrjenti ta' operazzjonijiet tal-irkupru.

(2) L-operazzjoni R1 fl-Anness II għad-Direttiva 2008/98/KE tapplika għall-iskart li jissostitwixxi l-fjuwil jew mezzi oħra li jiġġeneraw l-enerġija. Fost dawn hemm il-faċilitajiet ta' inċinerazzjoni maħsuba għall-ipproċessar tal-iskart solidu muniċipali iżda meta l-effiċjenza enerġetika tagħhom tkun tissodisfa l-limitu stabbilit bil-formula tal-effiċjenza enerġetika (il-formula R1) imsemmija fl-Anness II għad-Direttiva 2008/98/KE.

(3) Minn evidenza teknika joħroġ fid-dieher li l-kundizzjonijiet klimatiċi lokali fl-Unjoni jinfluwenzaw l-ammonti ta' enerġija li jistgħu jintużaw jew jiġu prodotti teknikament fil-forma ta' elettriku, tiswin, tkessiħ jew ipproċessar tal-fwar minn faċilitajiet ta' inċinerazzjoni dedikati għall-ipproċessar tal-iskart solidu muniċipali.

(4) Rapport taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni Ewropea juri li biex jinkisbu kundizzjonijiet ekwi fl-Unjoni hu raġonevoli li jiġu kumpensati l-faċilitajiet ta' inċinerazzjoni affettwati mill-impatt ta' kundizzjonijiet klimatiċi lokali b'fattur tal-korrezzjoni klimatika (CCF) applikabbli għall-formula R1. Dan il-fattur għandu jiġi bbażat fuq id-dokument ta' referenza dwar l-Aqwa Tekniki Disponibbli għall-inċinerazzjoni tal-iskart.

(5) Bl-applikazzjoni ta' CCF, xi installazzjonijiet ta' inċinerazzjoni tal-iskart jissodisfaw il-limitu tal-formula R1 u allura awtomatikament isiru faċilitajiet ta' inċinerazzjoni tal-irkupru. Minkejja dan kollu, l-applikazzjoni ta' fattur ta' korrezzjoni bħal dan għandu jibqa' inċentiv għall-impjanti tal-inċinerazzjoni biex tinkiseb effiċjenza għolja fil-produzzjoni tal-enerġija mill-iskart f'konformità mal-għanijiet u l-ġerarkija tal-iskart stabbilita fid-Direttiva 2008/98/KE.

(6) Is-CCF applikabbli għall-formula R1 għandu jiġi bbażat fuq il-kundizzjonijiet klimatiċi fil-post tal-faċilità tal-inċinerazzjoni.

(7) Għalhekk id-Direttiva 2008/98/KE għandha tiġi emendata skont dan.

(8) Il-miżuri previsti f'din id-Direttiva huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 39 tad-Direttiva 2008/98/KE

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

L-Anness II tad-Direttiva 2008/98/KE huwa emendat kif jistabbilixxi l-Anness.

([1]) ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3.

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva mhux aktar tard mill-31 ta' Lulju 2016. Dawn għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jirreferu għal din id-Direttiva jew ikollhom referenza għal din id-Direttiva fil-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir din ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li jkunu adottaw fil-qasam li tkopri din id-Direttiva.

Artikolu 3

Din id-Direttiva tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Lulju 2015.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNESS

Fl-Anness II tad-Direttiva 2008/98/KE, jiżdied dan it-test taħt in-nota (*) f'qiegħ il-paġna:

"Il-valur tal-formula tal-effiċjenza enerġetika għandu jiġi multiplikat b'fattur tal-korrezzjoni klimatika (CCF) kif jidher hawn taħt:

1. Is-CCF għal installazzjonijiet operattivi u permessi skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni li tapplika għal qabel l-1 ta' Settembru 2015.

   CCF = 1 jekk HDD >= 3 350

   CCF = 1,25 jekk HDD <= 2 150

   CCF = – (0,25/1 200) × HDD + 1,698 jekk 2 150 < HDD < 3 350

2. Is-CCF għal installazzjonijiet permessi wara l-31 ta' Awwissu 2015 u għal installazzjonijiet taħt il-1 wara l-31 ta' Diċembru 2029:

   CCF = 1 jekk HDD >= 3 350

   CCF = 1,12 jekk HDD <= 2 150

   CCF = – (0,12/1 200) × HDD + 1,335 jekk 2 150 < HDD < 3 350

(Il-valur tas-CCF li jirriżulta se jitqarreb lejn tliet postijiet deċimali).

Il-valur tal-HDD (l-għadd ta' jiem ta' tisħin) għandu jkun il-medja tal-valuri HHD annwali fil-post tal-faċilità tal-inċinerazzjoni, ikkalkulat għal 20 sena konsekuttivi qabel is-sena li għaliha jiġi kkalkulat is-CCF. Għall-kalkolu tal-valur tal-HDD għandu jiġi applikat dan il-metodu stabbilit mill-Eurostat: Il-valur tal-HDD hu (18 °C – Tm) × d jekk Tm tkun 15 °C jew inqas (il-limitu tat-tisħin) u jkun nill jekk Tm tkun aktar minn 15 °C; f'dan il-każ Tm tfisser it-temperatura medja ta' barra (Tmin + Tmax/2) matul perjodu ta' d ġranet. Il-kalkoli għandhom isiru kuljum (d = 1), u jkunu jgħaqqdu sena sħiħa."

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2015/1128

tas-7 ta' Lulju 2015

dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntieri għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah (EU BAM Rafah) (EU BAM Rafah/1/2015)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2005/889/PESK tat-12 ta' Diċembru 2005 dwar l-istabbiliment ta' Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntieri għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah, EU BAM Rafah ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 10(1) tagħha,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 10(1) tal-Azzjoni Konġunta 2005/889/PESK, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà hu awtorizzat, f'konformità mal-Artikolu 38 tat-Trattat, sabiex jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti għall-fini tal-eżerċizzju tal-kontroll politiku u tat-tmexxija strateġika tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntieri għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah (EU BAM Rafah), inkluż b'mod partikolari d-deċiżjoni li jinħatar Kap tal-Missjoni.

(2) Fid-29 ta' Mejju 2015, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ppropona l-ħatra tas-Sinjura Natalina CEA bħala Kap tal-Missjoni tal-Missjoni EU BAM Rafah mill-1 ta' Lulju 2015 sat-30 ta' Ġunju 2016.

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/1065 ([2]) estendiet il-mandat ta' EU BAM Rafah sat-30 ta' Ġunju 2016,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-Sinjura Natalina CEA hija b'dan maħtura bħala Kap tal-Missjoni tal-EU BAM Rafah għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2015 sat-30 ta' Ġunju 2016.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Hija għandha tapplika mill-1 ta' Lulju 2015.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Lulju 2015.

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà

Il-President

W. STEVENS

([1]) ĠU L 327, 14.12.2005, p. 28.

([2]) Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/1065 tat-2 ta' Lulju 2015 li temenda l-Azzjoni Konġunta 2005/889/PESK dwar l-istabbiliment ta' Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntieri għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah (EU BAM Rafah) (ĠU L 174, 3.7.2015, p. 23).

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2015/1129

tas-7 ta' Lulju 2015

li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea fit-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS) (EUPOL COPPS/2/2015)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/354/PESK tat-3 ta' Lulju 2013 dwar il-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 9(1) tad-Deċiżjoni 2013/354/PESK, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) huwa awtorizzat, f'konformità mat-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tat-Trattat, li jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti bl-għan li jeżerċita kontroll politiku u direzzjoni strateġika tal-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS), inkluża d-deċiżjoni tal-ħatra ta' Kap tal-Missjoni.

(2) Fis-17 ta' Frar 2015, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2015/381 ([2]), li taħtar is-Sur Rodolphe MAUGET bħala Kap tal-Missjoni EUPOL COPPS mis-16 ta' Frar 2015 sat-30 ta' Ġunju 2015.

(3) Fit-2 ta' Lulju 2015, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2015/1064 ([3]), li testendi l-mandat ta' EUPOL COPPS mill-1 ta' Lulju 2015 sat-30 ta' Ġunju 2016.

(4) Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà pproponiet l-estensjoni tal-mandat tas-Sur Rodolphe MAUGET bħala Kap tal-Missjoni EUPOL COPPS mill-1 ta' Lulju 2015 sat-30 ta' Ġunju 2016,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-mandat tas-Sur Rodolphe MAUGET bħala Kap tal-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS) huwa b'dan estiż sat-30 ta' Ġunju 2016.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Hija għandha tapplika mill-1 ta' Lulju 2015.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Lulju 2015.

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà

Il-President

W. STEVENS

([1]) ĠU L 185, 4.7.2013, p. 12.

([2]) Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2015/381 tas-17 ta' Frar 2015 dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea fit-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS) (EUPOL COPPS/1/2015) (ĠU L 64, 7.3.2015, p. 37).

([3]) Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/1064 tat-2 ta' Lulju 2015 li temenda d-Deċiżjoni 2013/354/PESK dwar il-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS) (ĠU L 174, 3.7.2015, p. 21).

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2015/1130

tal-10 ta' Lulju 2015

li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Billi:

(1) Fis-26 ta' Lulju 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2010/413/PESK ([1]) dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran.

(2) Fl-24 ta' Novembru 2013, iċ-Ċina, Franza. il-Ġermanja, il-Federazzjoni Russa, ir-Renju Unit u l-Istati Uniti, appoġġati mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, laħqu ftehim mal-Iran dwar Pjan ta' Azzjoni Konġunt li jistabbilixxi approċċ għall-kisba ta' soluzzjoni komprensiva fit-tul għall-kwistjoni nukleari Iranjana. Ġie miftiehem li l-proċess li jwassal għal din is-soluzzjoni komprensiva jinkludi, bħala l-ewwel pass, miżuri inizjali maqbula b'mod reċiproku li għandhom jittieħdu miż-żewġ naħat għal perijodu ta' sitt xhur u rinnovabbli bi qbil komuni.

(3) Fis-7 ta' Lulju 2015, bid-Deċiżjoni (PESK) 2015/1099 ([2]) il-Kunsill iddeċieda li jestendi l-implimentazzjoni tal-miżuri tal-Pjan ta' Azzjoni Konġunt sal-10 ta' Lulju 2015.

(4) Fl-10 ta' Lulju 2015, iċ-Ċina, Franza, il-Ġermanja, il-Federazzjoni Russa, ir-Renju Unit u l-Istati Uniti, bl-appoġġ tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, ftehmu mal-Iran biex tiġi estiża l-implimentazzjoni tal-miżuri tal-Pjan ta' Azzjoni Konġunt sat-13 ta' Lulju 2015 sabiex ikun hemm żmien biżżejjed biex jitkomplew in-negozjati bil-ħsieb li jintlaħaq qbil dwar Pjan ta' Azzjoni Komprensiv Konġunt.

(5) Is-sospensjoni tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni speċifikati fil-Pjan ta' Azzjoni Konġunt għandha għalhekk tiġi estiża sat-13 ta' Lulju 2015. Il-kuntratti rilevanti ikollhom jiġu eżegwiti sa dik id-data.

(6) Id-Deċiżjoni 2010/413/PESK għandha għalhekk tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 26a tad-Deċiżjoni 2010/413/PESK huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 26a*

1. Il-projbizzjoni stipulata fl-Artikolu 3a(1) għandha tiġi sospiża sat-13 ta' Lulju 2015 sa fejn din tirrigwarda t-trasport taż-żejt mhux maħdum Iranjan.

2. Il-projbizzjoni stipulata fl-Artikolu 3a(2) għandha tiġi sospiża sat-13 ta' Lulju 2015 sa fejn din tirrigwarda l-forniment ta' assigurazzjoni u riassigurazzjoni, relatati mal-importazzjoni, ix-xiri, jew it-trasport taż-żejt mhux maħdum Iranjan.

3. Il-projbizzjoni stipulata fl-Artikolu 3b għandha tiġi sospiża sat-13 ta' Lulju 2015.

4. Il-projbizzjoni stipulata fl-Artikolu 4c għandha tiġi sospiża sat-13 ta' Lulju 2015 sa fejn din tirrigwarda d-deheb u l-metalli prezzjużi.

([1]) Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/413/PESK tas-26 ta' Lulju 2010 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li thassar il-Pożizzjoni Komuni 2007/140/PESK (ĠU L 195, 27.7.2010, p. 39).

([2]) Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/1099 tas-7 ta' Lulju 2015 li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran (ĠU L 180, 8.7.2015, p. 4).

5. L-Artikolu 10(3), il-punti (a), (b) u (c) huma sostitwiti bil-punti li ġejjin sat-13 ta' Lulju 2015:

'(a) trasferimenti dovuti għal transazzjonijiet fir-rigward ta' oġġetti tal-ikel, il-kura tas-saħħa, it-tagħmir mediku, jew għal finijiet agrikoli jew umanitarji ta' inqas minn EUR 1 000 000, kif ukoll trasferimenti fir-rigward ta' rimessi personali, ta' inqas minn EUR 400 000, għandhom isiru mingħajr ebda awtorizzazzjoni minn qabel. It-trasferiment għandu jiġi nnotifikat lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat jekk ikun ta' aktar minn EUR 10 000;

(b) trasferimenti dovuti għal transazzjonijiet fir-rigward ta' oġġetti tal-ikel, il-kura tas-saħħa, it-tagħmir mediku, jew għal finijiet agrikoli jew umanitarji ta' aktar minn EUR 1 000 000, kif ukoll trasferimenti fir-rigward ta' rimessi personali, ta' aktar minn EUR 400 000, għandu jkollhom l-awtorizzazzjoni minn qabel mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat. L-Istat Membru rilevanti għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra dwar kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija;

(c) kwalunkwe trasferiment ieħor ta' aktar minn EUR 100 000 għandu jkollu l-awtorizzazzjoni minn qabel mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat. L-Istat Membru rilevanti għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra dwar kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija.'.

6. L-Artikolu 10(4), il-punti (b) u (c) huma sostitwiti bil-punti li ġejjin sat-13 ta' Lulju 2015:

'(b) kwalunkwe trasferiment ieħor ta' inqas minn EUR 400 000 għandu jsir mingħajr ebda awtorizzazzjoni minn qabel. It-trasferiment għandu jiġi nnotifikat lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat jekk ikun ta' aktar minn EUR 10 000;

(c) kwalunkwe trasferiment ieħor ta' aktar minn EUR 400 000 għandu jkollu l-awtorizzazzjoni minn qabel mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat. L-awtorizzazzjoni għandha titqies li tkun mogħtija fi żmien erba' ġimgħat sakemm il-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat ma tkunx oġġezzjonat f'dak il-perijodu ta' żmien. L-Istat Membru rilevanti għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra dwar kwalunkwe awtorizzazzjoni miċħuda.'.

7. Il-projbizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 18b għandhom jiġu sospiżi sat-13 ta' Lulju 2015.

8. Il-projbizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 20(1)(b) u (c) u fl-Artikolu 20(2) fir-rigward tal-Ministeru taż-Żejt, elenkati fl-Anness II, għandhom jiġu sospiżi sat-13 ta' Lulju 2015, sa fejn ikun neċessarju għall-eżekuzzjoni, sat-13 ta' Lulju 2015, ta' kuntratti għall-importazzjoni jew ix-xiri ta' prodotti petrokimiċi Iranjani.".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Lulju 2015.

Għall-Kunsill

Il-President

J. ASSELBORN

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1131

tal-10 ta' Lulju 2015

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/505/UE li tawtorizza l-miżura provviżorja meħuda mir-Repubblika Franċiża skont l-Artikolu 129 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH) li jirrestriġi l-użu tal-imluħa tal-ammonju f'materjali ta' insulazzjoni magħmula minn materjal artab ta' ċelluloża

(notifikata bid-dokument C(2015) 4470)

(It-test bil-Franċiż biss huwa awtentiku)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 129(2) tiegħu,

Billi:

(1) Fl-14 ta' Ottubru 2013, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/505/UE ([2]) ("id-Deċiżjoni") li tawtorizza l-miżura provviżorja meħuda mir-Repubblika Franċiża skont l-Artikolu 129 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 li jirrestriġi l-użu tal-imluħa tal-ammonju f'materjali ta' insulazzjoni magħmula minn materjal artab ta' ċelluloża.

(2) Skont l-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni, il-miżura provviżorja hija awtorizzata għal perjodu ta' 21 xahar li beda fil-15 ta' Ottubru 2013 u li se jtemm fl-14 ta' Lulju 2015.

(3) Il-perjodu ta' 21 xahar kien maħsub biex jipprovdi żmien biżżejjed sabiex tiġi konkluża l-proċedura ta' restrizzjoni li, skont l-Artikolu 129(3) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, ir-Repubblika Franċiża kellha l-obbligu li tibdieha billi tressaq dossier lill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, skont l-Anness XV tal-istess Regolament, sa tliet xhur mill-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni. Id-Deċiżjoni tipprovdi għall-iskadenza tal-awtorizzazzjoni qabel tmiem il-perjodu ta' 21 xahar jekk il-proċedura ta' restrizzjoni tintemm aktar kmieni.

(4) Minħabba d-diffikultajiet mhux mistennija fir-rigward tal-verifika tal-konformità mwettqa fuq id-dossier skont l-Artikolu 69(4) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, sar dewmien fil-proċedura ta' restrizzjoni, u din aktarx li ma tintemmx qabel ir-rebbiegħa tal-2016.

(5) Ir-raġunijiet għall-awtorizzazzjoni tal-miżura provviżorja baqgħu l-istess.

(6) Sabiex tiġi evitata l-inċertezza legali li tkun tirriżulta mill-iskadenza tal-awtorizzazzjoni tal-miżura provviżorja Franċiża qabel il-konklużjoni tal-proċedura ta' restrizzjoni, jeħtieġ li jiġi estiż il-perjodu li għalih hija awtorizzata l-miżura provviżorja.

(7) Din id-Deċiżjoni hija skont l-opinjoni tal-Kumitat REACH,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/505/UE, il-kliem "21 xahar" jinbidel bil-kliem "36 xahar".

([1]) ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1.

([2]) Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/505/UE tal-14 ta' Ottubru 2013 li tawtorizza l-miżura provviżorja meħuda mir-Repubblika Franċiża skont l-Artikolu 129 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH) li jirrestriġi l-użu tal-imluħa tal-ammonju f'materjali ta' insulazzjoni magħmula minn materjal artab ta' ċelluloża (ĠU L 275, 16.10.2013, p. 52).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fit-13 ta' Lulju 2015.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Franċiża.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Lulju 2015.

Għall-Kummissjoni
Elżbieta BIEŃKOWSKA
Membru tal-Kummissjoni

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1132

tal-10 ta' Lulju 2015

dwar l-approvazzjoni tal-funzjoni tal-coasting tal-Porsche AG bħala teknoloġija innovattiva għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO_2 mill-karozzi tal-passiġġieri skont ir-Regolament (KE) Nru 443/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 443/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 li jistabbilixxi standards ta' rendiment għall-emissjonijiet minn karozzi ġodda tal-passiġġieri bħala parti mill-approċċ integrat tal-Komunità biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' CO_2 minn vetturi ħfief ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 12(4) tiegħu,

Billi:

(1) Il-manifattur Porsche AG ("l-Applikant") ressaq applikazzjoni għall-approvazzjoni tal-funzjoni tal-"coasting" bħala teknoloġija innovattiva fit-13 ta' Ottubru 2014. Il-kompletezza tal-applikazzjoni ġiet ivvalutata skont l-Artikolu 4 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 725/2011 ([2]). Instab li l-applikazzjoni kienet kompleta u l-perjodu għall-valutazzjoni tal-applikazzjoni mill-Kummissjoni beda fl-14 ta' Ottubru 2014, l-għada tad-data tal-wasla uffiċjali tagħha.

(2) L-applikazzjoni ġiet ivvalutata skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 443/2009, skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 725/2011 u skont il-Linji Gwida Tekniċi għat-tħejjija tal-applikazzjonijiet għall-approvazzjoni ta' teknoloġiji innovattivi skont ir-Regolament (KE) Nru 443/2009 (il-"Linji Gwida Tekniċi") ([3]).

(3) L-applikazzjoni tirreferi għall-funzjoni tal-"coasting" tal-Porsche AG. It-teknoloġija innovattiva tinvolvi strateġija ta' kontroll intelliġenti ta' gearbox awtomatika li tippermeti modalità ta' sewqan li fiha l-vettura timxi filwaqt li l-magna tal-kombustjoni ma tkunx ingranata mar-roti (i.e. meta l-klaċċ ma jkunx attivat). Matul din il-modalità ta' sewqan magħrufa bħala coasting, il-magna tibqa' taħdem, avolja mhux ingranata, u l-funzjonament tal-apparat awżiljari (eż. ġeneratur, kumpressur, pompa tal-ilma) huwa żgurat. Barra minn hekk, waqt il-"coasting", l-enerġija kinetika u potenzjali tal-vettura tintuża direttament biex tingħeleb ir-reżistenza tas-sewqan u, bħala konsegwenza, sabiex jitnaqqas il-konsum tal-fjuwil.

(4) L-Applikant wera li l-funzjoni tal-coasting tat-tip deskritt f'din l-applikazzjoni ma kenitx installata f'iktar minn ta' 3 % tal-karozzi ġodda tal-passiġġieri rreġistrati fis-sena ta' referenza 2009.

(5) Il-kriterji ta' responsabbiltà speċifikati fl-Artikolu 4(2)(f)(iii) u l-Artikolu 9(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 725/2011 jesiġu li jintwera li r-rendiment f'termini ta' tnaqqis tas-CO_2 tat-teknoloġija mhuwiex dipendenti fuq l-imġiba tas-sewwieq jew fuq il-konfigurazzjonijiet jew l-għażliet barra mill-kontroll tal-applikant. Wara li kkunsidrat l-informazzjoni pprovduta mill-Applikant, kif ukoll minn sorsi pubbliċi oħra, il-Kummissjoni tqis li din il-kundizzjoni ma tiġix issodisfata meta l-funzjoni tal-coasting tista' tiġi diżattivata u tkun teħtieġ riattivazzjoni manwali. Dan ikun il-każ pereżempju, meta l-kundizzjonijiet tat-triq jew tal-karozza ma jippermettux il-coasting, fejn ikun hemm inklinazzjoni qawwija għan-niżla u meta s-sewwieq imiss il-pedala tal-brejk, jew jattiva

([1]) ĠU L 140, 5.6.2009, p. 1

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 725/2011 tal-25 ta' Lulju 2011 li jistabbilixxi proċedura għall-approvazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni ta' teknoloġiji innovattivi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' CO_2 minn karozzi tal-passiġġieri skont ir-Regolament (KE) Nru 443/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 194, 26.7.2011, p. 19).

([3]) http://ec.europa.eu/clima/policies/transport/vehicles/cars/docs/guidelines_en.pdf.

l-cruise control jew il-modalità ta' sewqan sportiv, jitfi s-sistema start-stop jew juża s-sistema ta' għażla manwali tal-gerijiet. L-Applikant ipprovda analiżi marbuta ma' xi whud minn dawn il-kwistjonijiet: meta l-kundizzjonijiet tat-triq jew tal-karozza ma jippermettux il-coasting, meta s-sewwieq imiss il-pedala tal-brejk jew juża s-sistema ta' għażla manwali tal-gerijiet. Aspetti oħra tal-imġiba tas-sewwieq rigward ir-riattivazzjoni manwali tal-coasting ma ġewx eżaminati. Il-Kummissjoni tikkonkludi li għandhom jiġu speċifikati l-kundizzjonijiet sabiex it-teknoloġija tal-coasting tissodisfa l-kriterji ta' responsabbiltà stipulati fir-Regolament ta' Implimentazzjoni. Dawn il-kundizzjonijiet għandhom jiżguraw li l-funzjoni tal-coasting ma tkunx tista' tiġi diżattivata mis-sewwieq, jew, meta l-funzjoni tkun diżattivata mod ieħor, eż. permezz ta' strateġija ta' kontroll intelliġenti ta' gearbox awtomatika jew bi kwalunkwe apparat ieħor, tiġi attivata awtomatikament mill-ġdid, immedjatament wara l-avveniment ta' diżattivazzjoni. Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, soġġett għal din il-kundizzjoni, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-informazzjoni pprovduta mill-applikant turi li l-kundizzjonijiet u l-kriterji msemmija fl-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 443/2009 u fl-Artikoli 2 u 4 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 725/2011 intlaħqu.

(6) Sabiex jiġi ddeterminat kemm jiġi evitat CO_2 permezz ta' din it-teknoloġija innovattiva meta vettura tiġi mgħammra biha, jinħtieġ li tiġi ddefinita l-vettura ta' referenza li magħha se tiġi mqabbla l-effiċjenza tal-vettura mgħammra bit-teknoloġija innovattiva, kif previst fl-Artikoli 5 u 8 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 725/2011. Il-Kummissjoni hija tal-fehma li huwa xieraq li bħala vettura ta' referenza titqies vettura li jkollha l-funzjoni tal-coasting installata, imma li fuqha, din il-funzjoni tkun diżattivata. Jekk ma jkunx possibbli li tiġi diżattivata l-funzjoni tal-coasting, għandu jkun żgurat li l-funzjoni tal-coasting ma tkunx qed taħdem matul il-proċedura ta' ttestjar.

(7) L-Applikant ipprovda metodoloġija għall-ittestjar tat-tnaqqis tas-CO_2 mill-użu tat-teknoloġija tal-"coasting". Għadd ta' fatturi fil-formuli huma derivati mill-analiżi tal-influwenza tal-imġiba tas-sewwieq fuq it-teknoloġija tal-"coasting". Il-Kummissjoni tqis li l-għadd ta' vjaġġi inklużi fil-bażi tad-dejta huwa biżżejjed biex wieħed jikkonkludi li t-teknoloġija innovattiva se twassal għal tnaqqis fis-CO_2. Madankollu, biex jitnaqqsu l-inċertezzi marbuta mal-iffrankar tas-CO_2 mit-teknoloġija innovattiva, ikun meħtieġ għadd akbar ta' dejta robusta u indipendenti, li tinkludi analiżi addizzjonali ta' kemm iseħħ sewqan meta t-trażmissjoni tal-magna u l-batterija jkunu qed jitħaddmu fit-temperatura xierqa ta' tħaddim u kemm tkun il-proporzjon ta' ħin ta' sewqan fuq inklinazzjonijiet qawwija għan-niżla, meta l-funzjoni tal-coasting tkun mitfija.

(8) Fil-formuli huwa meħtieġ fattur ta' konverżjoni biex jiġi kkalkulat l-iffrankar potenzjali ta' CO_2 u b'hekk tiġi indirizzata d-differenza bejn l-emissjonijiet ta' CO_2 mit-test standard tan-NEDC u dawk fil-kundizzjonijiet modifikati tal-ittestjar tan-NEDC għall-vettura ta' referenza. F'diskussjonijiet mal-industrija ġiet ipprovduta dejta limitata dwar valuri rilevanti għall-parametru-c abbażi tas-simulazzjonijiet. Dawn urew riżultati differenti li jiddependu fuq il-karatteristiki tat-trażmissjoni u parametri oħra tal-vettura. Għal dawn id-dejta, il-parametru-c jidher li jaqa' fil-medda bejn 0,96 u 0,99. L-Applikant għadu ma pprovdiex evidenza b'saħħitha għall-użu ta' valur speċifiku għal c. Fid-dawl ta' dan, huwa determinat li għandu jintuża valur għal c fin-naħa l-baxxa tal-medda identifikata biex b'hekk tiġi pprovduta ċertezza dwar l-iffrankar probabbli ta' CO_2 li jista' jinkiseb. Il-fattur ta' konverżjoni c għalhekk huwa stabbilit għal valur ta' 0,96 (imqabbel ma' 0,97 fl-applikazzjoni, li għalih l-ebda ġustifikazzjoni ma ġiet ipprovduta).

(9) Element ewlieni fid-determinazzjoni tal-iffrankar ta' CO_2 huwa l-proporzjon tad-distanza li tivvjaġġa vettura li fih tkun attivata l-funzjoni tal-coasting. Il-fattur tal-użu huwa determinat permezz ta' osservazzjoni tad-distanza koperta f'kundizzjonijiet ta' coasting mill-applikant fit-testijiet meta mqabbla mad-distanza tal-coasting f'kundizzjonijiet modifikati tan-NEDC. L-Applikant ippropona valur ta' 1. L-analiżi tal-Kummissjoni turi li dan il-valur ma jistax jiġi ġustifikat mid-dejta pprovduta. L-użu tad-dejta tal-Applikant tirriżulta f'valur ta' 0,87 għall-fattur tal-użu. Madankollu l-Applikant ma pprovdiex biżżejjed dejta biex ikun hemm ċertezza li fatturi oħra li jirriżultaw fid-diżattivazzjoni tal-funzjoni tal-coasting tqiesu kompletament. Għalhekk jitqies li hu xieraq li l-inċertezzi jiġu indirizzati permezz ta' aġġustament proporzjonat ulterjuri, li jirriżulta f'fattur tal-użu ta' 0,8. Dan jitqies li jipprovdi marġni xierqa biex dawn l-inċertezzi jiġu indirizzati u biex jitqies is-sinifikat statistiku tagħhom. Din il-konklużjoni tista' terġa' tiġi eżaminata mill-ġdid jekk għadd suffiċjenti ta' dejta robusta u indipendenti ssir disponibbli.

(10) Barra minn hekk, u bi ftehim mal-Applikant, il-Kummissjoni jidhrilha li hu xieraq li jiġu indirizzati n-nuqqasijiet fl-assunzjonijiet attwali dwar it-tħaddim tal-cruise control billi l-fattur tal-użu jiġi aġġustat aktar peress li l-coasting jiġi diżattivat meta l-cruise control jiġi attivat. L-Applikant ma pprovda l-ebda informazzjoni f'dan ir-rigward fl-applikazzjoni tiegħu. Il-Kummissjoni identifikat li d-dejta hija disponibbli minn riċerka li saret fl-Istati Uniti dwar l-użu tal-cruise control. Din turi li, meta jkun installat, il-cruise control jintuża għal madwar nofs id-distanza vjaġġata. Dan ifisser li l-fattur tal-użu għandu jitnaqqas bin-nofs f'każijiet fejn huwa installat il-cruise

control. L-Applikant ikkonferma din il-konklużjoni u għalhekk il-fattur tal-użu jitnaqqas bin-nofs għal valur ta' 0,4 meta l-vettura tkun mgħammra bil-cruise control. Din il-konklużjoni tista' terġa' tiġi eżaminata mill-ġdid jekk għadd suffiċjenti ta' dejta robusta u indipendenti ssir disponibbli.

(11) Fuq dan l-isfond, il-Kummissjoni tqis li l-metodoloġija tagħti riżultati preċiżi u affidabbli li huma riproduċibbli minn parti terza fir-rigward tal-vetturi Porsche fis-segment S (karozzi tat-tip sport coupé) imsemmija fl-applikazzjoni.

(12) Barra min hekk, il-Kummissjoni tqis li l-Applikant wera b'mod sodisfaċenti li t-tnaqqis fl-emissjonijiet miksub mit-teknoloġija innovattiva huwa tal-anqas ta' 1 g CO_2/km għall-vetturi Porsche fis-segment S imsemmija fl-applikazzjoni.

(13) Peress li l-effetti tal-funzjoni tal-coasting mhumiex koperti mit-test tal-approvazzjoni tat-tip tal-emissjonijiet tas-CO_2 imsemmija fir-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament u tal-Kunsill ([1]) u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 692/2008 ([2]), il-Kummissjoni hija sodisfatta li l-funzjoni tal-coasting tal-Porsche mhix koperta miċ-ċiklu tat-test standard.

(14) Il-Kummissjoni rat li r-rapport ta' verifika tħejja mit-TÜV Nord u li r-rapport jappoġġa s-sejbiet imsemmija fl-applikazzjoni.

(15) Għalhekk, il-Kummissjoni ssib li m'għandhomx jitqajmu oġġezzjoni fir-rigward tal-approvazzjoni tat-teknoloġija innovattiva kkonċernata, jekk jiġu introdotti l-kundizzjonijiet speċifikati hawn fuq sabiex tiġi żgurata r-responsabbiltà, u jekk isiru l-aġġustament msemmija għall-metodoloġija.

(16) Bil-għan li jiġi ddeterminat il-kodiċi tal-eko-innovazzjoni ġenerali li għandu jintuża fid-dokumenti rilevanti tal-approvazzjoni tat-tip skont l-Annessi I, VIII u IX tad-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]), għandu jiġi speċifikat il-kodiċi individwali li jrid jintuża għat-teknoloġija innovattiva approvata permezz ta' din id-Deċiżjoni,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Il-funzjoni tal-coasting tal-Porsche AG, maħsuba għall-użu f'vetturi Porsche fis-segment S M1 (tat-tip sport coupé) hija approvata bħala teknoloġija innovattiva skont it-tifsira tal-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 443/2009, bil-kundizzjoni li kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin hija ssodisfata:

(a) l-funzjoni tal-coasting ma tkunx tista' tiġi diżattivata,

(b) jekk il-funzjoni, b'xi mod ieħor, tkun ġiet diżattivata, din terġa' tiġi attivata awtomatikament immedjatament wara l-avveniment ta' diżattivazzjoni.

2. It-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO_2 mill-użu tal-funzjoni tal-coasting imsemmija fil-paragrafu 1 għandu jkun iddeterminat bl-użu tal-metodoloġija stabbilita fl-Anness. Dan it-tnaqqis huwa differenzjat bejn dawk il-vetturi li jkollhom cruise control u dawk li ma għandhomx.

3. Il-kodiċi individwali tal-eko-innovazzjoni li għandu jiddaħħal fid-dokumentazzjoni tal-approvazzjoni tat-tip li trid tintuża għat-teknoloġija innovattiva approvata permezz ta' din id-Deċiżjoni għandu jkun "13".

([1]) Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 20 ta' Ġunju 2007 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi (ĠU L 171, 29.6.2007, p. 1).

([2]) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 692/2008 tat-18 ta' Lulju 2008 li jimplimenta u jemenda r-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura (ĠU L 199, 28.7.2008, p. 1).

([3]) Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 5 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi kwadru għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi (Direttiva Kwadru) (ĠU L 263, 9.10.2007, p. 1).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Lulju 2015.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

ANNESS

1. **METODOLOĠIJA TAL-ITTESTJAR — INTRODUZZJONI**

Sabiex jiġi determinat it-tnaqqis tas-CO_2 li jista' jiġi attribwit għall-użu tat-teknoloġija tal-coasting tal-Porsche AG, ikun meħtieġ li jiġu stabbiliti dawl kollha li ġejjin:

(1) il-vetturi tal-ittestjar

(2) il-proċedura tal-ittestjar biex tiġi ddefinita l-kundizzjoni modifikata tal-ittestjar (profil tal-veloċità NEDC modifikat);

(3) il-proċedura tal-ittestjar li għandha tiġi segwita sabiex jiġi determinat it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' CO_2 ta' vettura eko-innovattiva taħt kundizzjonijiet tal-ittestjar modifikati;

(4) il-proċedura tal-ittestjar li għandha tiġi segwita sabiex jiġi determinat it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' CO_2 ta' vettura ta' referenza taħt kundizzjonijiet tal-ittestjar modifikati;

(5) il-formuli biex jiġi kkalkulat l-iffrankar tas-CO_2;

(6) il-formuli biex jiġu kkalkulati l-iżbalji statistiċi fl-iffrankar tas-CO_2.

1.1. IL-VETTURI TAL-ITTESTJAR

Għandhom jiġu pprovduti l-vetturi li ġejjin:

(a) vettura eko-innovattiva: vettura bit-teknoloġija innovattiva attivata.

(b) vettura ta' referenza: vettura bit-teknoloġija innovattiva diżattivata. Jekk ma jkunx possibbli li tiġi diżattivata t-teknoloġija, għandu jkun żgurat li l-funzjoni tal-coasting ma tkunx attivata matul il-proċedura ta' ttestjar.

1.2. IL-PROĊEDURA TAL-ITTESTJAR SABIEX JIĠU DETERMINATI L-EMISSJONIJIET TA' CO_2 TA' VETTURA EKO-INNOVATTIVA TAĦT KUNDIZZJONIJIET TAL-ITTESTJAR MODIFIKATI (PROFIL TAL-VELOĊITÀ NEDC MODIFIKAT) (E_{MC});

Kundizzjonijiet u proċedura tal-kejl

L-emissjonijiet ta' CO_2 u l-konsum tal-fjuwil ta' vetturi eko-innovattivi jridu jkunu mkejla skont l-Anness 6 tar-Regolament NU/KEE Nru 101 [1] (Metodu ta' kejl tal-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju u l-konsum tal-fjuwil tal-vetturi li jaħdmu b'magna tal-kombustjoni interna biss). Il-proċeduri li ġejjin kollha għandhom jiġu modifikati:

1.2.1. Prekondizzjonament tal-vettura;

1.2.2. Id-definizzjoni ta' kurva tad-deċellerazzjoni libera (coast down);

1.2.3. Ġenerazzjoni tal-profil tal-veloċità NEDC modifikat;

1.2.4. Għadd ta' testijiet.

[1] http://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?qid=1435246393829&uri=CELEX:42007X0619(02)

1.2.1. **Prekondizzjonament tal-vettura**

Għandhom isiru test wieħed jew aktar komplut tat-tip NEDC għall-prekondizzjonament bit-teknoloġija innovattiva diżattivata (jew, meta dan ma jkunx possibbli, għandu jiġi żgurat li l-funzjoni tal-coasting ma tkunx qed topera matul il-proċedura ta' ttestjar), biex jintlaħqu l-kundizzjonijiet għall-ittestjar sħun tal-magna, tal-mutur u tal-batterija.

1.2.2. **Id-definizzjoni tal-kurva tad-deċellerazzjoni libera (coast down);**

Id-determinazzjoni ta' kurva tad-deċellerazzjoni libera (coast down) fil-modalità tal-coasting issir fuq dinamometru b'romblu wieħed, kif deskritt fil-passi mandatorji li ġejjin:

(a) twettiq tad-determinazzjoni tat-tagħbija tat-triq fuq id-dinamometru, skont il-proċeduri operazzjonali standard;

(b) tlugħ tat-temperatura tal-karozza għat-temperatura operattiva bl-użu tal-proċedura ta' prekondizzjonament;

(c) eżekuzzjoni ta' deċelerazzjoni libera fil-modalità coasting minn 120 km/h għal waqfa totali jew għall-aktar veloċità baxxa possibbli tal-coasting.

1.2.3. **Ġenerazzjoni tal-profil tal-veloċità NEDC modifikat (mNEDC);**

1.2.3.1. *Assunzjonijiet*

(a) Is-sekwenza tat-test hija magħmula minn ċiklu urban magħmul minn erba' ċikli urbani elementari u minn ċiklu ekstraurban;

(b) Ir-rampi ta' aċċellerazzjoni kollha huma identiċi għal dawk tal-profil NEDC;

(c) Il-livelli ta' veloċità kostanti kollha huma identiċi għal dawk tal-profil NEDC;

(d) Id-deċellerazzjoni matul il-fażijiet ta' deċellerazzjoni hija ugwali għal dawk fil-profil NEDC;

(e) It-tolleranzi tal-veloċità u tal-ħin għandhom ikunu skont il-paragrafu 1.4 tal-Anness 7 tar-Regolament Nru 101 tan-NU/KEE.

1.2.3.2. *Limitazzjonijiet*

(a) Id-devjazzjoni mill-profil NEDC għandha titnaqqas kemm jista' jkun u d-distanza kumplessiva għandha tikkonforma mat-tolleranzi speċifikati tal-NEDC.

(b) Id-distanza fi tmiem kull fażi tad-deċellerazzjoni tal-profil mNEDC għandha tkun ugwali għad-distanzi fl-aħħar ta' kull fażi ta' deċellerazzjoni tal-profil NEDC.

(c) Għall-fażijiet kollha ta' aċċellerazzjoni, veloċità kostanti u deċellerazzjoni għandhom jiġu applikati t-tolleranzi standard tal-NEDC.

(d) Matul il-fażijiet tal-coasting, il-magna tal-kombustjoni interna tiġi diżakkoppjata u ma hija permessal-ebda attività ta' korrezzjoni tat-trajettorja tal-veloċità.

1.2.3.3. *Definizzjoni tal-limiti tas-sistema*

(a) Limitu ta' veloċità l-aktar baxxa għall-coasting;

Il-modalità tal-coasting għandha tiġi diżattivata f'veloċità ta' 15 km/h permezz tal-attivazzjoni tal-brejk. F'dan il-punt, kurva ta' deċellerazzjoni libera għandha tiġi segwita minn rampa ta' deċellerazzjoni kif deskritt fil-profil NEDC (v_{min} fil-Grafika 1);

(b) Ħin minimu għat-twaqqif;

Il-ħin minimu wara kull deċellerazzjoni tal-coasting għal waqfa totali jew fażi ta' veloċità kostanti huwa ta' 2 sekondi (t_{min}^{stop} fil-Grafika 1);

(c) Ħin minimu għal fażijiet ta' veloċità kostanti;

Il-ħin minimu għal fażijiet ta' veloċità kostanti wara l-aċċellerazzjoni jew id-deċellerazzjoni tal-coasting huwa ta' 2 sekondi (t_{min}^{const} fil-Grafika 1). Għal raġunijiet tekniċi dan il-valur jista' jiżdied.



Grafika 1

Profil NEDC b'limiti tas-sistema għall-modalità tal-coasting

1.2.4. **Għadd ta' testijiet**

Il-proċedura kollha tat-test fuq il-bank tat-test għandha tiġi rrepetuta tal-anqas tliet darbiet. Għandhom jiġu kkalkulati l-medja aritmetika tal-emissjonijiet tas-CO_2 mill-vettura eko-innovattiva (E_{MC}) u d-devjazzjoni standard rispettiva tal-medja aritmetika ($s_{E_{MC}}$).

1.3. IL-PROĊEDURA TAL-ITTESTJAR SABIEX JIĠU DETERMINATI L-EMISSJONIJIET TA' CO_2 TAL-VETTURA TA' REFERENZA TAĦT KUNDIZZJONIJIET TAL-ITTESTJAR MODIFIKATI (NEDC GĦALL-ISTARTJAR SĦUN) ($B_{TA_{hot}}$)

1.3.1. **Kundizzjonijiet u proċedura tal-kejl**

l-emissjonijiet ta' CO_2 u l-konsum tal-fjuwil ta' vetturi eko-innovattivi jridu jkunu mkejla skont l-Anness 6 tar-Regolament UN/ECE Nru 101 (metodu ta' kejl tal-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju u l-konsum tal-fjuwil tal-vetturi li jaħdmu b'magna ta' kombustjoni interna biss). Iż-żewġ proċeduri li ġejjin għandhom jiġu modifikati:

1.3.1.1. prekondizzjonament tal-vettura,

1.3.1.2. għadd ta' testijiet.

1.3.1.1. *Prekondizzjonament tal-vettura*

Għandhom isiru test wieħed jew aktar komplut tat-tip NEDC għall-prekondizzjonament bit-teknoloġija innovattiva diżattivata (jew, meta dan ma jkunx possibbli, għandu jiġi żgurat li l-funzjoni tal-coasting ma tkunx qed topera matul il-proċedura ta' ttestjar), biex jintlaħqu l-kundizzjonijiet għall-ittestjar sħun tal-magna, tal-mutur u tal-batterija fir-rigward tat-temperaturi.

1.3.1.2. *Għadd ta' testijiet*

Il-proċedura kollha tat-test fuq il-bank tat-test għandha tiġi rrepetuta tal-anqas tliet darbiet. Għandhom jiġu kkalkulati l-medja aritmetika tal-emissjonijiet tas-CO_2 mill-vettura eko-innovattiva ($B_{TA_{hot}}$) u d-devjazzjoni standard rispettiva tal-medja aritmetika ($S_{B_{TA_{hot}}}$).

1.4. IL-FORMOLI BIEX JIĠI KKALKULAT L-IFFRANKAR TAS-CO_2

Biex jiġi kkalkulat l-iffrankar tas-CO_2 miksub permezz tal-eko-innovazzjoni, għandha tintuża l-formula li ġejja:

Formula 1

$$C_{CO_2} = (c \cdot B_{TA_{hot}} - E_{MC}) \cdot UF$$

fejn:

C_{CO_2}: l-iffrankar ta' CO_2 [g CO_2/km];

c: Il-parametru ta' konverżjoni huwa 0,96;

$B_{TA_{hot}}$: Il-medja aritmetika tal-emissjonijiet ta' CO_2 tal-vettura ta' referenza taħt kundizzjonijiet tal-ittestjar modifikati [g CO_2/km];

E_{MC}: Il-medja aritmetika tal-emissjonijiet ta' CO_2 tal-vettura eko-innovattiva taħt kundizzjonijiet tal-ittestjar modifikati [g CO_2/km];

UF: Il-fattur tal-użu tat-teknoloġija tal-coasting għat-teknoloġija tal-Porsche huwa ta' 0,8; dan il-valur huwa rappreżentattiv biss tas-segment S tal-Porsche (vetturi tat-tip sport coupé); meta l-vetturi jkunu mgħammra bil-cruise control, dan il-valur huwa ta' 0,4.

1.5. DETERMINAZZJONI TAS-SINIFIKAT STATISTIKU TAR-RIŻULTATI

L-iżball standard tal-iffrankar totali tas-CO_2 m'għandux jaqbeż iż-0,5 g ta' CO_2/km u għandu jiġi kkalkulat skont il-formula li ġejja:

Formula 2

$$S_{C_{CO_2}} \leq 0{,}5 \text{ g } CO_2/\text{km}$$

$S_{C_{CO_2}}$: Żball standard tal-iffrankar totali tas-CO_2 [g CO_2/km].

Fil-każ li din il-limitazzjoni ma tiġix issodisfata, sforzi ulterjuri, eż. aktar kejlijiet jew kejlijiet magħmula aħjar, għandhom jitqiesu sabiex titnaqqas l-inċertezza tal-kejl.

Il-formula sabiex jiġi kkalkulat l-iżball standard hija

Formula 3

$$S_{C_{CO_2}} = \sqrt{(c \cdot UF \cdot s_{B_{TA_{hot}}})^2 + (UF \cdot s_{E_{MC}})^2 + \left[(c \cdot B_{TA_{hot}} - E_{MC}) \cdot s_{UF}\right]^2}$$

fejn:

$s_{C_{CO_2}}$: Żball standard tal-iffrankar totali tas-CO_2 [g CO_2/km],

c: Il-parametru ta' konverżjoni huwa 0,96;

$B_{TA_{hot}}$: Il-medja aritmetika tal-emissjonijiet ta' CO_2 tal-vettura ta' referenza taħt kundizzjonijiet tal-ittestjar modifikati [g CO_2/km];

$s_{B_{TA_{hot}}}$: Id-devjazzjoni standard tal-medja aritmetika tal-emissjonijiet ta' CO_2 tal-vettura ta' referenza taħt kundizzjonijiet tal-ittestjar modifikati [g CO_2/km];

E_{MC}: Il-medja aritmetika tal-emissjonijiet ta' CO_2 tal-vettura eko-innovattiva taħt kundizzjonijiet tal-ittestjar modifikati [g CO_2/km];

$s_{E_{MC}}$: Id-devjazzjoni standard tal-medja aritmetika tal-emissjonijiet ta' CO_2 tal-vettura eko-innovattiva taħt kundizzjonijiet tal-ittestjar modifikati [g CO_2/km];

UF: Il-fattur tal-użu tat-teknoloġija tal-coasting għat-teknoloġija tal-Porsche huwa ta' 0,8; dan il-valur huwa rappreżentattiv biss tas-segment S tal-Porsche (vetturi tat-tip sport coupé); meta l-vetturi jkunu mgħammra bil-cruise control, dan il-valur huwa ta' 0,4;

s_{UF}: Id-devjazzjoni standard tal-medja aritmetika tal-fattur tal-użu, li huwa 0,024.

1.6. PROVA LI L-LIMITU MINIMU TA' 1 g CO_2/km INQABEŻ B'MOD STATISTIKAMENT SINIFIKANTI

Sabiex jintwera li l-valur ta' limitu 1,0 g CO_2/km inqabeż b'rilevanza statistika, għandha tintuża l-formula li ġejja:

Formula 4

$$MT = 1g\,CO_2/km \leq C_{CO_2} - s_{C_{CO_2}}$$

fejn:

MT: Il-livell limitu minimu [g CO_2/km];

C_{CO_2}: l-iffrankar ta' CO_2 [g CO_2/km];

$s_{C_{CO_2}}$: Żball standard tal-iffrankar totali tas-CO_2 [g CO_2/km].

Meta l-iffrankar fl-emissjonijiet tas-CO_2, bħala riżultat tal-kalkolu bl-użu tal-Formula 4, ikun taħt il-livell limitu speċifikat fl-Artikolu 9(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 725/2011, għandu japplika t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 11(2) ta' dak ir-Regolament.

RETTIFIKA

Rettifika tad-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE tad-29 ta' April 1996 dwar miżuri għall-monitoraġġ ta' ċerti sustanzi u residwi tagħhom f'annimali ħajjin u prodotti tal-annimali u li tħassar id-Direttivi 85/358/KEE u 86/469/KEE u d-Deċiżjonijiet 89/187/KEE u 91/664/KEE

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 125 tat-23 ta' Mejju 1996)

Paġna 77, l-Artikolu 14(2):

flok: "2. Il-laboratorji ta' referenza tal-Komunità għandhom ikunu dawk imsemmija fil-parti relevanti tal-Anness VII li jinsab mar-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar kontrolli uffiċjali imwettqa biex tiġi żgurata l-verifikazzjoni tal-konformità mal-liġi dwar l-għalf u l-ikel, is-saħħa tal-annimali u r-regoli dwar il-*welfare* tal-annimali [1]."

aqra: "2. Il-laboratorji ta' referenza tal-Komunità għandhom ikunu dawk imsemmija fil-parti relevanti tal-Anness VII li jinsab mar-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar kontrolli uffiċjali imwettqa biex tiġi żgurata l-verifikazzjoni tal-konformità mal-liġi dwar l-għalf u l-ikel, mar-regoli dwar is-saħħa tal-annimali u l-*welfare* tal-annimali [1]."

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT